# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-23 ta' Ġunju 2020**

Appell numru 476 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marc VELLA BONANNO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Marc VELLA BONANNO, karta tal-identita bin-numri 341883M fejn ġie mixli talli:

    1. Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' A MANCATA LIMITED (C64388) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att nur. XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, naqas sal-ħmistax il-jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi sitt (6) denunzji, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-30 ta' Ġunju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014 u fit-30 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija : -

1. Tinfliġġi l-piena skont il-Liġi;
2. Minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-Liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jagħmel dan, liema żmien m'għandux jeċċedi tliet chur, taħt multa ta' ħames euro (€5) għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mill-Qorti.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, stqarret is-segwenti :

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat id-dokumenti esebieti.
Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li d-denunzji indikati fic-citazzjoni, ma gewx prezentati lid-dipartiment koncernata. Jirrizulta ukoll li fil-perjodu relecanti l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' company secretary tas-socjeta A Mancata Limited. Dawn il-fatti mhux kontestati mill-imputat.

Illi fil-verita l-imputat jmur ferm oltre ghaliex waqt id-deposizzjoni tieghu b'gurament huwa ammetta li jaf li huwa, in kwantu company secretary, responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet. Huwa bhala gustifikazzjoni ghan-nuqqas tieghu iddikjara ukoll li meta gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni odjerna huwa ikkomunika mad-diretturi tas-socjeta de quo biex jigbor l-informazzjoni sabiex ikun jista jirredigi u jipprezenta d-denunzji u sa llum ghad m'ghandux l-informazzjoni rilevanti f'idejh. Dan pero l-imptuat messu ghamlu fiz-zmien meta kienu dovuta d-dennzji u cioe fis-sena 2014 u 2015 u mhux wara li jirceivi c-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 66, 76(c)(d) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmein mitt Euro (€800).

Il-Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 tordna lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mill-llum jikkokonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hames Euro (€5) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

3. Illi minn din is-sentenza Marc VELLA BONANNO interpona appell permezz ta' rikors datat 17 ta' Novembru 2017 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija :-

   (a) tiġi varjata u mibdula billi tillibera lill-appellant mill-ħtija għall-imputazzjoni kontestata lilu u mill-piena ta' multa ta' tminn mitt euro komminata lilu;

   (b) sussidjarament jekk il-Qorti tqis li s-sentenza ta' ħtija kienet timmerita konferma, minħabba l-fatti tal-każ kellu tnaqqas il-piena inflitta.

u dan wara li ppremetta s-segwenti aggravji : -

A. il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti kif kienu jirriżultaw mill-provi prodotti. Il-ksur prinċipali kien sar mid-diretturi tal-kumpanija u mhux mill-appellant innifsu, li għamel minn kollox biex jottjeni l-informazzjoni kollha mingħand id-diretturi barranin. L-appellant kien għamel kuntatt mad-Diretturi tal-kumpanija kemm qabel kif ukoll wara l-ħruġ taċ-ċitazzjoni, fejn huwa intensifika l-komunikazzjoni tiegħu. Iżda kienu d-Diretturi tal-kumpanija li ma kkoperawx miegħu u ħallewħ lampa stampa. Anzi kien fl-interess tiegħu li jara li dawn ir-returns jidħlu in kwantu, bħala *accountant*, setgħa joħroġ ukoll kont għal dawk is-servizzi;

B. L-appellant kien imsejjah jidher fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2017 fid-0900 iżda huwa kien ġie mgħarraf bis-seduta biss fil-għaxija tal-jum ta' qabel u b'hekk ma kellux żmien biżżejjed biex ikun jista' iħarrek ix-xiehda tiegħu u li jressaq id-

dokumentazzjoni kollha miegħu l-għada fil-għodu. Il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex iressaq dawn il-provi u xhieda. Dan ir-rifjut kien jimpinġi fuq id-dritt ta' smiegħ xieraq tiegħu.

C. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova in kwantu ma ġewx imħarkin id-Diretturi tal-kumpanija infushom. L-anqas ġie pruvat jekk sarux xi kuntatti magħhom jew kienx hemm xi dokumentazzjoni li kienet turi jekk dawn weġbux għas-sejħa tal-Awtoritajiet Maltin.

D. Għalkemm Segretarju ta' kumpanija kien ritenut uffiċjal tal-kumpanija u b'hekk ukoll passibbli ġudizjalment għan-nuqqasijiet da parti tal-kumpanija, il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tara l-involviment tas-Segretarju fil-qadi tar-responsabbiltajiet relatati mal-kumpanija. Dan huwa wkoll prinċipju li joħroġ mill-artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, nonche mill-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ l-appellant kien eżerċita d-diliġenza kollha xierqa tiegħu sabiex jevita l-għemil tar-reat. Dan il-punt kien injorat mill-Qorti tal-Maġistrati li waslet biex issibu ħati.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi f'dan il-każ il-fatti mhux konstestati per se. Anzi kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellant kien anke quddiemha ammetta ċerti fatti saljenti għal dan il-każ. Din il-Qorti tagħat l-opportunita lill-partijiet li jresqu l-provi tagħhom stante li x-xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx traskritta.

5. Ir-rappreżentant tad-Dipertiment tal-VAT, Paul Scicluna, ikkonferma li d-Dipartiment tal-VAT kien mexxa b'din il-kawża kontra l-appellant fil-kapaċita tiegħu ta' Segretarju tal-kumpanija A' Mancata Limited, u dan peress li huwa kien naqas li jissottometti d-denunzji li kienu mmaturaw bejn Ġunju 2014 u Diċembru 2015. Huwa eżebixxa wkoll dokumentazzjoni li kienet turi r-reġistrazzjoni tal-kumpanija de quo kif ukoll estratt mill-MFSA li kien jindika li l-appellant kien Segretarju ta' din il-kumpanija.[1]

6. Paul Scicluna saħaq li d-Dipartiment kien imexxi kontra min ikun responsabbli, kemm diretturi kif ukoll segretarji. F'dan il-każ kien irriżultalu li d-Diretturi kienu jgħixu l-Italja mentri huma akkużaw lis-Segretarju, li jirriżulta li kien jgħix Malta. Meta jkun hemm Direttur li jkun jgħix Malta, id-Dipartiment normalment jipproċedi kontra dak id-Direttur. F'każ li dan ma jkunx jgħix Malta, imbagħad id-Dipartiment idur fuq min ikun responsabbli mad-Direttur. Dan għax dik hija l-unika triq li d-Dipartiment ikollu, u dan peress li biex jiġu rintraċċjati dawn in-nies ikun hemm element ta' diffikulta. F'dan il-każ ma jafx jekk kienetx intbagħatet it-taħrika lid-Diretturi bil-*pink card*; pero kien ċert li tentattivi jkunu saru.

7. Paul Scicluna tenna wkoll li d-Dipartiment ħa din l-azzjoni kontra l-appellant wara li kienu għaddew diversi snin. Huwa jgħid li f'dan il-każ id-denunzji suppost li kellhom isiru għall-perjodu bejn

---

[1] Ta min jgħid li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ naqset milli tressaq bħala xhud rappreżentant mill-MFSA biex jikkonferma d-dokument a fol 10 li kien juri li l-appellant kien Segretarju ta' din il-kumpanija. Iżda matul il-kors tax-xiehda tiegħu l-appellant ammetta li huwa kien verament is-Segretarju ta' din il-kumpanija fil-perjodu rilevanti. B'hekk ġie soddifaċentement ippruvat bl-ammissjoni tiegħu li huwa kien Uffiċjal ta' din il-kumpanija fil-perjodu rilevanti.

Ġunju 2014 u Diċembru 2015 mentri l-kawża kontra l-appellant saret fl-2018, jiġifieri tliet snin wara. Huwa jgħid li *Is-Segretarju jaf x'inhu xogholu, jaf x'inhuma d-dmirijiet tieghu, m'hemmx ghalfejn joqghod jinfurmah id-Dipartiment.*

8. Scicluna jgħid li biex dawn id-denunzji jkunu jistgħu jimtlew, ikun meħtieġ li tingħata informazzjoni dwar is-*sales*, *purchases*, *expenses* eċċetra skont in-negozju tal-kumpanija. Fil-fehma tad-Dipartiment, is-Segretarju tal-kumpanija għandu responsabbilta daqskemm għandhom id-Diretturi għall-fini ta' dawn id-denunzji. F'dan il-każ l-akkuża saret minħabba nuqqas ta' sottomissjoni tad-denunzja u mhux minħabba problemi b'xi dokumenti li fuqha din setgħet kienet bażata.

9. L-appellant beda biex spjega d-diffikulta li huwa kellu biex ikun jista' jipproduċi d-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dan peress illi l-Pulizija kienu infurmawh fit-8 ta' Novembru 2017 fil-għaxija li huwa ried jattendi għas-seduta tad-9 ta' Novembru 2017. Jgħid li l-Pulizija ma riedx jgħidlu din il-kawża tal-VAT fir-rigward ta' liema klijenti tiegħu kienet. Meta l-għada mar il-Qorti, l-appellant jgħid li huwa ma kienx jaf fuq liema kawża kien ġie mħarrek. Huwa jgħid li ma ingħatatlux l-opportunita li jkun jista' jressaq il-provi tiegħu. Huwa ried li jressaq il-VAT returns, iżda dawn huwa ma kellux. Huwa jgħid ukoll li kellu impjegati tiegħu li setgħu jittellgħu biex jixhdu li huma kienu pruvaw li jagħmlu kuntatt mad-Diretturi diversi drabi. Iżda dawn id-diretturi, li kellhom attivita' f'Malta, għosfru, ħarbu. L-appellant jgħid li huwa ma kellux l-opportunita li jressaq dawn il-provi.

10. Biss il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni li l-ewwel seduta li huwa kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx dik ta' Novembru 2017 iżda li l-ewwel seduta li kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet fl-1 ta' Ġunju 2017. Mir-referta a fol 3 kien jirriżulta wkoll li huwa kien ġie notifikat, personalment, fit-8 ta' Mejju 2017, jiġifieri kważi xahar qabel id-data tas-seduta.

11. Għal dawn l-osservazzjonijiet l-appellant wieġeb illi huwa jaħseb li kien immissja d-data fil-kalendarju tiegħu. Huwa jgħid li x'aktarx kien ġie notifikat f'Mejju u jaħseb li kien ċempillu – ma jaħsibx li kien mar għandu – u qallu li kien se jħallihielu fil-*letterbox* tad-dar. Imbagħad kien reġa ċempillu lejlet is-seduta li kellha ssir f'Settembru. L-appellant jgħid li huwa ma kienx neċessarjament se jiftakar dik ta' Ġunju, kif kellu każijiet oħrajn. Fix-xiehda tiegħu l-appellant baqa' mhux konvint li kien ġie notifikat tant li qal li ma kienx hemm il-firma tiegħu, minkejja li r-referta kienet tgħid li kienet tħalliet lilu personali.

12. L-appellant kompla tenna li huwa ried li jagħmel xogħolu u li ma kellux bżonn il-Qorti biex jagħmel xogħolu. Huwa ipprova li jagħmel xogħolu qabel dik id-data tal-ewwel notifika iżda ma kellux l-informazzjoni meħtieġa. Jgħid – *aktar milli nirrizenja mill-posizzjoni ta' Segretarju jien x'nista' naghmel?*

13. L-appellant jgħid li l-klijenti tiegħu kienu żewġ Taljani, wieħed minnhom jismu Fabrizio. Huwa kien ingħata l-informazzjoni mingħandhom biex ikun jista' jagħmel *due diligence* qabel ma jifforma l-kumpanija u jibdew in-negozju f'Malta. Iżda biex

imbagħad idaħħal id-denunzji tal-VAT kien meħtieġ li jkollu wkoll l-informazzjoni dwar is-*sales, purchases* u *expenses* u din l-informazzjoni ingħatat biss parzjalment lilu. L-appellant ilmenta li huwa ma kellux il-figuri kollha biex ikun jista' jimla' d-denunzja.

14. L-appellant jisħaq li d-Diretturi tal-kumpanija ma kkoperawx miegħu, minkejja l-isforzi li huwa għamel biex jagħmel kuntatt magħhom u jikkonvinċihom jikkollaboraw u jagħtuh l-informazzjoni meħtieġa biex ikun f'qagħda jibgħat id-denunzji. Iżda dawn baqgħu ma tawhx l-informazzjoni kollha. A fol 53 jixhed illi s-sales and purchases ingħataw lilu b'mod parzjali u ma kellux il-figuri kollha biex ikun jista' jimla d-denunzja. Huwa kien għamel diversi telefonati u anke *emails* mad-Diretturi biex ituh l-informazzjoni. Huwa baqa' jipprova jġib din l-informazzjoni anke wara li rċieva t-taħrika f'din il-kawża. Iżda dawn it-tentattivi ma ħallewx frott. L-appellant jgħid li huwa ma kellu ebda rwol fit-tmexxija tal-kumpanija. Jgħid :

> once li ffirmajt il-kumpanija nxomm il-kotba tal-kumpannija. Imma ma bdewx jaghtuni l-informazzjoni... Bhala Accountant. Le bħala Segretarju l-filing biss. Segretarju r-responsabilita' tieghu huwa l-filings mal-Awtoritajiet.

15. L-appellant jgħid li n-negozju ta' din il-kumpanija kien *catering business restaurant* f'San Pawl il-Baħar. Huwa kien jeħtieġ ftit aktar żmien sabiex ikun jista' jimla' dawn id-denunzji. Imbagħad wara s-seduta li kellu l-Qorti, ir-rappreżentant tad-Dipartiment tal-VAT qallu biex idaħħal dawn id-denunzji *to the best of your information*. Huwa jgħid li hekk għamel, iżda huwa ma kienx ċert miċ-ċifri in

kwantu sal-ġurnata li fiha kien qiegħed jixhed ma kellux il-figuri kollha.

16. L-appellant jgħid li huwa irriżenja mill-kariga ta' Segretarju madwar sentejn ilu ċjoe wara li huwa sar jaf bil-problema mill-Qorti – u illum il-ġurnata ma għadux joqgħod aktar Segretarju ta' kumpaniji. Jisħaq ukoll li din il-kumpanija kienet bdiet fuq sieq waħda għax mill-bidu nett bdew jonqsu milli jfornu informazzjoni. Minbarra hu kien hemm persuna oħra li kienet impjegata miegħu u li kienet tikkuntattjahom ukoll meta kien jiġi żmien li jsiru d-denunzji tal-VAT. Biss dawn id-Diretturi qatt ma ppreżentaw l-affarijiet kompluti – dejjem affarijiet nofs kedda.

17. Huma kienu jagħmlu komunikazzjoni tagħhom ma' dawn in-nies bit-telefon *ghax email ma jaghtux kasha. Konna ncemplu.* Jgħid ukoll li fil-bidu kienu jiltaqgħu magħhom, kienu jċemplulu lura u jattendu meetings. Fl-2014 kienu anke tawh xi kumpens. Iżda minkejja li kellu bżonn l-informazzjoni għad-denunzji, dawn baqgħu ma tawhx l-informazzjoni li ried. L-anqas biex jillikwidaw il-kumpanija u jagħmlu l-affarijiet bis-sewwa ma riedu dawn peress li kienu jafu li riedu joħorġu aktar flus.

18. Biex din il-Qorti setgħat tkun f'qagħda aħjar sabiex tevalwa s-sitwazzjoni u l-attendibilita probatorja ordnat li jitħarrek ukoll rappreżentant tad-Dipartiment tal-VAT biex jippreżenta l-file relattiv u aġġornat ta' A Mancata Limited. Fil-fatt fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020 reġgħa xehed Paul Scicluna. Huwa qal li d-Dipartiment ma jżommx files għal kull soċjeta sakemm ma jkunx

hemm korrispondenza, li f'dan il-każ qatt ma kien hemm. Din il-kumpanija qatt ma kkorrispondiet mad-Dipartiment u b'hekk id-Dipartiment ma kellu ebda file x'jeżebixxi. Jgħid hekk

Xhud : Le f'dan il-kaz Mark Bonanno iva gie jkellimni kemm il-darba, meta rcieva c-citazzjoni ovvjament gie jkellimni kemm il-darba l-ufficju tieghi, u jara fuqhiex inhuma dawn l-affarijiet kollha u ggwidajnieh, pero mhux korrispondenza bil-miktub. Iva s-Sur Bonanno ha nteress filfatt meta rcieva l-akkuza gie mall-ewwel id-Dipartiment u tkellem mieghi ghal darba darbtejn pero ovvjament m'hemm xejn bil-miktub.

Imhallef : U meta tkellem mieghek x'kien qallek ?

Xhud : Le jispjega ruhu ovvjament il-mertu tal-kaz hux.

Dr Borg : Pero s-Sur Scicluna spjega ruhu fuq dan il-kaz u qed tghid li korrispondenza m'hemmx, u allura xi spjega, x'kienet il-posizzjoni tieghu, d-diffikulta' tieghu x'kienet f'dan il-kaz ?

Xhud : Id-diffikulta' tieghu kienet nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u bejn id-Diretturi tal-istess socjeta'. Pero l-obbligi fiskali baqaw imposti fuqu bhal Segretarji jien ma stajtx nghidlu isma taghmilhomx jew, hu spjega ruhu pero ma kienx bizzejjed biex id-Dipartiment biex jitla l-kaz.

Dr Borg : Sewwa u eventwalment pero fuq dan il-kaz dahlu xi returns ?

Xhud : Iva llum il-gurnata kollox dahal iva.

Imhallef : U meta dahlu dawn ir-returns jirrizultalek ?

Xhud : Le ta m'ghandix Sur Imhallef.

Imhallef : Mela bhala data ma tafx meta dahlu imma pero tista' tikkonferma bil-gurament tieghek li dahlu dawn.

Xhud : Iva nista nikkonferma bil-gurament li dahlu iva.

Dr Borg : Issa proprju dwar dan il-kaz ghadek kif xehedt li gie jkellmek u gie jiddiskuti mieghek dan il-kaz. Kooperazzjoni pero minn naha tieghu kellek ?

Xhud : Assoluta, assoluta.

Dr Borg : Jigifieri kien hemm kooperazzjoni assoluta minn naha tieghu.

Xhud : Iva iva filfatt gie mall-ewwel.

Dr Borg : Komunikazzjoni minn naha tad-Dipartiment lejn socjetajiet li jkunu naqsu milli jipprezentaw ir-returns taghhom ikun hemm jew ma jkunx hemm normalment ?

Xhud : Le ma jkunx hemm.

Dr Borg : Ma jkunx hemm. Xejn iktar mix-xhud.

***Ikkunsidrat : -***

19. Illi għal darb'oħra dan jirriżulta każ sfortunat ieħor fejn Segretarju ta' kumpanija, għalkemm ma jkunx direttament involut fl-operat tan-negozju tal-kumpanija, jiġi ritenut responsabbli għan-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti fiskali. Dan mhux l-uniku każ li dawn il-Qrati kellhom l-opportunita li jsegwu. Anzi huwa każ li jista' jitqies ieħor klassiku fejn professjonist Malti jirrendi servizzi lil diretturi barranin li filli jkunu hawn u filli jagħżlu li jogħsfru, bosta drabi bla kliem u bla sliem, u jħallu l-problemi warajhom.

20. Biss, ġenwin kemm jinstema' ġenwin dan il-każ, il-Liġi tal-VAT hi li hi. Liġi drakonjana li torbot idejn il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Din il-Qorti qegħda tagħmel riferenza għas-sentenza deċiża minnha, għalkemm diversament presjeduta, fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Debono*** tat-12 ta' Diċembru 2019. F'dan l-appell kriminali tqajmu diversi aggravji li huma simili għal dawk li ġew sottomessi f'dan l-appell. Hemmhekk ġie mistqarr u deċiż is-segwenti : -

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-appellant Michael Debono kien segretarju tal-kumpannija Mediterranean Productions Limited;
2. Illi d-denunzji flimkien mal-hlas dovut ghal perjodi li ntemmu fit-tletin (30) ta Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma gewx sottomessi d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
3. Illi l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpannija Mediterranean Productions Limited fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016)[2]
4. Illi sussegwentement inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant fejn lEwwel Qorti sabet lill-appellant hati.

Illi qabel ma din il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-aggravji kontenuti fl-appell, din ilQorti taghmel referenza ghal parti disposittiva tas-sentenza appellata. F'din il-parti tas-sentenza, il-Qorti rreferiet ghal '*l-artikli 30, 66, 76(c) u 76(d) ta' l-Att XXIII ta' l1998*' izda l-Qorti ma ndikatx li dawn l-artikoli huma dawk kontenut fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Att XXIII tal-1998 kif sussegwentement emendat.

Illi ma hemmx dubju li l-Qorti kienet qieghda tirreferi ghal Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att XXIII tal-1998 kif emendat u mhux ghal kontenut tal-artikoli tal-Att XXIII tal-1998 kif originarjament promulgat. Stabbilit dan, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell.

Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti li n-nuqqas talprosekuzzjoni li tipproduci prova essenzjali ghad-difiza tal-imputat flimkien marrifjut tal-Ewwel Qorti li thalli lill-imputat jipprezenta dawk il-provi essenzali u mehtiega ghad-difiza tieghu li jstghu jiskagonawh minn kull htija u imputazzjoni jilledu id-dritt tieghu ta' smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta[3].

L-appellant issottometti li d-dmir tal-prosekuzzjoni li tipprezenta dawk il-provi kollha, dawk li huma favur l-akkuzat impost mill-artikolu 356 et sequitur talKapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk li jimponu li jithallew li jingiebu l-aktar prova shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u dan ai termini tal-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti li l-mod ta' kif agixxiet lEwwel Qorti li twaqqaf il-produzzjoni ta' dokumenti hija ekwivalenti ghassitwazzjoni fejn Qorti tiddeciedi li ma tismghax xhud. Li d-dokumneti jikkostitwixxu xhieda taghhom infushom bhala prova. Jissottometti li l-mod kif waqt il-proceduri quddiema il-provi jittiehdu jew le irid ikun ekwu u gust. Huwa jaghmel referenza ghal gurisprudenza Ewropea u jissottometti li huwa principju imhaddan

[2] Skont il-Form K a fol 13.

[3] Din il-Qorti qieghda tifhem li fejn l-appellant irrefera ghal Kapitolu 225 tal-Ligijiet ta' Malta kien qieghed jirreferi ghal Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

permezz tal-istess dritt li s-smiegh ghandu jsir minn tribunal indipendenti u imparzjali. Jghid li mhuwiex qieghed jinghad li necessarjament l-Ewwel Qorti kienet strettament parzjali meta irrifjutat lill-imputat waqt li kien qieghed impedanat u jaghti x-xhieda tieghu li rrifjutat minghajr ma taghti r-ragunijiet taghha li thalih jipprezenta dawk id-dokumenti li hu dehrlu kienu essenzjali ghalih biex jaghmel id-difiza tieghu. Jissottometti li minhabba n-natura partikolari tal-proceduri in dizamina, fejn qieghed jigi deciz delitt kwazi bi grad ta' prova rizervata ghal kontravenzjonijiet, fejn il-ligi qieghda timponi obbligi oneruzi u fejn id-dottrina hija wahda li tezigi interpretazzjoni restrittiva hafna tal-ligijiet li jirregolaw l-ottemperanza fir-rigward tal-Kummissarju tat-Taxxi u anki dik dwar l-Att dwar l-interpretazzjoni, il-Qrati ghandhom jibbilancjaw billi jkunu aktar liberali fl-accettazzjoni tal-provi u meta f'dawk ic-cirkostanzi li ghandhom ikunu rarissimi fejn il-provi ma jkunux ser jigu ammessi, *multo magis* id-dover li jigu provduti ragunijiet u gustifikazzjonijiet gharrifjut taghhom ghandhom ikunu ossrvati hafna aktar skrupolozament minn kazijiet ohra u dan in harsien tal-protezzjoni moghti taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lartikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni.

Li skont l-appellant huwa sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni kif su affermat, u ghaldaqstant skont l-appellant, din il-Qorti ghandha, waqt is-smigh ta' dan ir-rikors tal-appell, taghti kull oportunita' lill-appellant, kif inhi fis-setgha taghha li taghmel li jipprezenta l-kaz tieghu permezz tax-xhieda orali kif ukoll permezz tad-dokumenti li xtaq jipprezenta in sostenn tat-tezi tieghu sabiex tigi indirizzata dan l-aggravju blaktar speditezza.

Ikkunsidrat;

Illi fl-unika seduta li sehhet quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' dik tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghalkemm xehed l-imputat u giet prezentata xi korrispondenza, ma jirrizultax li saret talba sabiex jigu pprezentati dokumenti. Minn dak li qieghda tifhem il-Qorti mill-appell ipprezentat, l-appellant qieghed jilmenta li waqt li ddepona xtaq li jipprezenta dokumenti u l-Qorti ma ppermettitlux. Din il-Qorti izda hija marbuta biex tiddeciedi abbazi ta' dak kontenut fl-atti u fl-atti ma tirrizulta la talba da parti tad-difiza sabiex il-prosekuzzjoni tressaq xi dokumenti ulterjuri u lanqas talba da parti tal-akkuzat sabiex huwa jithalla jipprezenta dokumenti. F'kaz li l-Qorti ma ppermettitx lill-appellant milli jipprezenta dokumenti jekk dehrlu li dawn id-dokumenti kienu importanti ghad-difiza tieghu, huwa kellu jivverbalizza dan il-fatt. Mill-atti ma jirrizultax li l-appellant ma nghatax smieh xieraq. In oltre', din il-Qorti tat l-opportunita' kemm lil Avukat Generali biex jtella x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u anke lill appellant li rega xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta gialadarba ghalkemm jirrizulta sommarju taxxhieda li xehdu quddiem l-

Ewwel Qorti fil-verbal taghha, ix-xhieda ma kinitx traskritta. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant issottometta li l-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ma aplikatx favur l-imputat appellant l-beneficcju skond l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Issottometta li waqt issmiegh tal-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant kellu bizzejjed provi f'idejh biex juri li hu qatt ma agixxa in mala fede u konsegwentement dejjem agixxa bil-buona fede mistenni minnu ghal vari karigi li kien jokkupa mmas-socjeta' Mediterranean Productions Limited u li definitavment ma kisirx dispozizzjonijiet talKapitolu 406 xjentement u allura ma setghax jinzamm responsabbli ghad-denunzji mhux imdahhla ghal perjodi ta' referenza. Li skont l-appellant, il-prosekuzzjoni ma uriet ebda mill-estremi imsemmija ta' mala fide jew xjenza t'a ksur taddispoizzjonijiet tal-Att sal-grad rikjest mill-ligi.
Ikkunsidrat;

Illi l-appellant huwa akkuzat li naqas milli jibghat lil Kummissarju tat-Taxxi iddenunzji, flimkien mal-hlas dovut li saru dovuti ghal perjodi li ntemmu ft-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Illi a fol 5 jirrizulta li l-appellant kien il-firmatarju tal-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-kumpannija Mediterranean Productions Limited mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. In oltre' ma hemmx kontestazzjoni li kien is-segretarju tal-kumpanija in kwistjoni. Skont dak li jirrizulta a fol 9 u cioe' fid-dokument PS4, l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju talkumpannija Mediterranean Productions Limited fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Giet ipprezentata ittra datata t-tnejnu ghoxrin (22) ta' Gunju tassena elfejn u sittax (2016) indirizzata lid-Dipartiment tal-VAT fejn Michael Debono bhala Managing Partner ta' DConsulta Limited informa lid-Dipartiment li ilhom li ssospendew servizzi ta' accounting, direct u indirect taxation services u anke company service provision lil kumpannija Mediterranean Productions Limited. Ghalhekk infurmaw lid-Dipartiment tal-VAT li kwalunkwer korrispondanza rigwardanti VAT ghandha tkun indirizzata direttament lil kumpanja. Fl-istess ittra hemm imnizzel li ma rcevewx istruzzjonijiet dwar l-ahhar tlett VAT returns u cioe' dawk ghal perjodi '*01.07.2015 to 30.09.2015 due 15.11.2015*', '*01.10.2015 to 31.12.2015 due 15.02.2016*' u '*01.01.2016 to 31.3.2016 due 15.02.2016*.' u ghalhekk irritornaw dawn il-VAT returns vojta. Dawn it-returns gew ipprezentati ukoll fl-atti. Giet ipprezentata ittra a fol 12 indirizzata lil Registratur tal-Kumpanija fejn Michael Debono bhala Managing Partner ta' DConsulta Limited informa lil Registratur tal-Kumpanniji li DConsulta limited ma kinitx ghada il-'*company service provider*' ta' Mediterranean Productions Limited u li ghalhekk il-kumpannija mhijex ser tkompli tuza l-ufficja registrat. Giet ippreentata korrispondenza elettronika dwar Bank statements a fol 14 et sequitur li kienu qed jintalbu bl-ahhar wahda minghuta minn Stephanie Micallef ghal D-Consulta Limited lil Charmaien

Chircop ghal perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' April u t-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk mhux ghal perjodu mertu tal-imputazzjoni. A fol 19 et sequitur gew pprezentati partijiet minn korrispondenza elettronika li tixhed dwar problemi finanzjarji rinfaccati millkumpannija kif xehed l-appellant.

Meta xehed Paul Scicluna fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti huwa qal li l-appellant naqas milli jissottometti denunzji li jirrispekkjaw Awissu u Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Jirrizulta li lappellant huwa akkuzat li ma ntavolax id-denunzji u l-hlas ta' taxxa ghal perjodi li ntemmu fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Ma jirrizultax izda li hemm kontestazzjoni da parti tal-appellant dwar jekk gewxipprezentati d-denunzji mertu tal-imputazzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti sejra kif hija obbligata taghmel tillimita ruhha ghal kontenut tal-appell. Meta il-PL Quentin Tanti in rapprezentanza tarRegistratur tal-kumpanniji fi hdan l-MFSA xehed quddiem l-Ewwel Qorti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa xehed li Michael Debono kien segretarju tal-kumpanija u li ma kienx direttur. Huwa rega xehed quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax fejn rega kkonferma li Michael Debono kien segretarju tal-kumpanija pero ma kienx Direttur. Ikkonferma li l-kopja ta' form K miqlugha mir-registry of companies fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejnu sittax (2016) a rigward Mediterranean Productions Limited li l-effective date kienet l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016).

L-appellant skont ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem l-Ewwel Qorti xehed li qatt ma kellu d-dover jissottometti l-VAT returns, li ma kellux informazzjoni biex jissottometti lVAT returns u gew prezentati dokumenti. Meta l-appellant xehed quddiem din ilQorti kif preseduta fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa xehed li Mediterranean Productions Ltd kienet kumpanija fejn is-shareholder taghha kien ragel mis-Sud Africa, fejn din il-kumpannija kienet ser taahdem fis-settura ta' filming, riklami u affarijiet hekk. Xehed li s-shareholder u d-direttur qatghu l-kuntatt mieghu. Huwa qal li kien company service provider ta' din il-kumpanija jigifieri jipprovdi registred office, jagixxi ta' company secretary u jaghmlu l-accounts, VAT returns u l-affarijiet kollha, compliance tat-taxxa u VAT ghal numru ta' zmien u li sakemm kienet tezisti din il-kumpannija dejjem ghamel xoghlu. Spjega li '*Li ġara kien li din il-kumpanija ma kelliex xogħol, hu bażikament qata' l-kuntatt miegħi ma bediex iħallas anqas lili ta' xejn eċċ eċċ. Jiena at one point in time wara hafna attentati hemm hekk ħassejt il-ħtieġa li naqta' l-legami kollha tiegħi li kelli ma' din il-kumpanija billi għanilt bażikament tlett affarijiet. Waħda reżenjajt minn segretarju, fl-istess ħin infurmajt lil MFSA wkoll li ma għadnix registered office ta' din il-kumpanija u fl-istess ħin ukoll dan qed nitkellmu fit-22 ta' Ġunju 2016 bgħat ittra lil VAT Department fejn*

*għedtilhhom li jiena ma għandix aktar kuntatti ma din il-kumpanija u minhiex f'pożizzjoni li nimla l-VAT returns tagħhom u flistess fatt ma din l-ittra atteċċjajt ukoll il-VAT returns l-oriġinali kollha li kien hemm pendenti sa dakinhar. Għal din l-ittra tat- 22 ta' Ġunju jiena qatt ma rċvejt l-ebda risposta, lebda kommunika, l-unika kommunikazzjoni li kien hemm hija meta jiena ġejt infurmat li għandi din il-kawża. Il-bqija għal dak iż-żmien jiħifieri bażikament tlett snin jiena ma smajt xejn mill-VAT Department.'*

Mistoqsi ghal motivazzjoni ghaliex ma ssottomettiex returns fid-dati moghtija flimputazzjoni wiegeb li ma kellux dokument, il-klijent ma kienx qed jikkuntattjah, ma bghatlu l-ebda' invvoices, la sales u lanqas purchases u wkoll ma kienx f'pozizzjoni li jgib bank statement mill-bank ghax hu ma kienx bank signatory peress li bank signatory kien id-direttur. Ma kellu l-ebda mod iehor ta' kif jakkwista dik linformazzjoni. Jghid li kieku mela l-VAT returns ma kienx jimlihom skont ilprofessjonalita' tieghi izda kien jivvintahom jew jaghmel zero. Hass li ma ghandux jaghmel dikjarazzjoni falza u kien imbaghad sta ghal VAT Department li jitkellem mad-Direttur. Spjega li ma kinitx haga li grat f'gurnata, izda kien ilu ghaddej jissaporti, jghidlu li se jkellmu ix-xahar id-diehel dejjem titwal il-bicca xoghol, jibghatlu fuq Skype, emails hafna drabi, ma weriex koperazzjoni. Mistoqsi kemm ghadda zmien minn meta ra dan in-nuuqqas ta' koperazjzoni minn naha tal-klijent tieghu sakemm hu effettivament irrizenja, qal li '*għaddew numru ta' xhur għax jiena kont qiegħed f'pozizzjoni li jiena xtaqt inkompli, ma xtaqt naqta' l-legami tiegħi miegħu u sservizzi tiegħi b'mod jiġifieri abrabt, waħda mir-raġuni li kelli jagħtini l-flus u jiena għalhekk kont qiegħed f'sitwazzjoni fejn jien kont qieġġed nigri warajh biex nipprovaw inġibu laffarijiet f'posthom, jħallasni l-amont li għandu jħallasni, jekk irid jillikwida l-kumpanija nagħmluha imma in the meantime ma ġara xejn... jiġifieri l-isforzi tiegħi ma swew għal xejn ħa ngħidu hekk fejn għandu x'jaqsam dinil-kumpanija.*' In kontro-ezami xehed li ilu accountant CPA ghal tmienja u ghoxrin (28) sena u li huwa managing partner filkumpanija. Kien ilu jiprovdi servizzi ghal numru ta' snin jigifieri minn prior to incorporation lil kumpannija. Ikkonferma li l-VAT Department lanqas batulu receipt, acknowledgement ghall-ittra li bagghat u lanqas ma ghamel follw up '*għax ħassejt li spei l-ballun ma għadux f'saqajja speċi ta' lballun f'saqajhom qiegħed issa iktar millf'saqajjja.*' Huwa kkonferma li kien segretarju u l-ufficju kien registered office talkumpanija. Mistoqsi ghalfejn id-Dipartiment kellu jibghat zewg denunzji jekk denunzja wahda kinitx bizzejjed biex jiftah ghajnejh wiegeb li '*Kelli l-ewwel denunzja, jiena kont qiegħed f'din is-sitwazzjni fejn jiena kont qed nitkellem mall-klijent eċċ eċċ. Għadejjin u konna qegħdin bażikament imdendlin ... Issa jiena f'dak il-mument il-VAT return jiena ma stajtx nimliha għalhekk ħallejtha hem ma kellix triq ħra. Imbagħad iż-żmien għadda u kien hemm VAT return ohra. At one point in time jiena kelli nieħdu deċiżjoni lijiena nirreżenja minn kollox bażikament. Ovvajament inti fir-rejalta' meta jkollok kif taqbad tgħid, relazzjoni ta' professjonist u klijent u naħseb anke mhux biss profesjonist, inti mhux mal-ewwel opportunita l-klijent taqtgħalu rasu, jiġifieri naħseb jiena irrid ikun hemm ċertu perjodu raġonevoli u dan m'aħniex qed nitkellmu ... żewġ VAT return tlieta jiġifieri qed nitkellmu perjodu ta' 9 xhur lanqas hija sena sħiħa jiġifieri mhux xi żmien twil.'*

L-appellant fl-appell tieghu ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'XXX vs Commissioner of Value Added Tax**[4]' fejn il-Qorti fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

'*Therefore, once the Applicant did not have under her management and control funds or other immovable property belonging to Furnex Trading Limited she could have never disposed of such funds or property without making adequate provision for any tax due under the Value Added Tax, which potential disposal in any case does not result from the records of these proceedings since no evidence in this regard has been produced, particularly by the Director General (Value Added Tax). This further means that the Applicant could have never breached, let alone knowingly breached Section 66(4) of Chapter 406 of the Laws of Malta. In*

*n*

*d fact from the testimony given by Roderick Sultana during the sitting held on the 2 October 2012*[5]*, it transpires that the main breach for which the Director General (Value Added Tax) is holding the Applicant responsible as Company Secretary for Furnex Trading Limited is the failure to submit the tax return for the period 01.09.06 – 30.11.06, which matter will be dealt with and discussed further down in this decision.*'

B'referenza ghall-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fl-istess sentenza iddecediet li:

'*From the said proviso it clearly results that in the specific circumstances set out therein, the liability of the representative is limited to the funds or to the value of any property under his management or control which belongs to or is due to the person he represents. When this limitation is transposed onto the facts pertinent to this case, and particularly onto the fact that the Applicant does not manage or control and has never managed or controlled funds or property belonging to Furnex Trading Limited, the only conclusion which can be drawn is that in practical terms there is no tangible liability on the part of the Applicant vis-vis any value added tax due by Furnex Trading Limited for the period she was Company Secretary of the said company.*

*Therefore in spite of and without prejudice to the general principle which emerges from Section 66 of Chapter 406 of the Laws of Malta, due to the particular circumstances of this case, the Applicant is correct and justified – on a practical and factual level – in asserting that she cannot be held liable together with Furnex Trading Limited for tax due to the Department of Value Added Tax.*

L-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:*

[4] Deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-6 ta' Frar, 2014 (Rikors numru: 238/2012)

[5] Folio 19 to 26 of the records of the proceedings. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fis-sentenza citata)

*iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha.*'

Skont l-appellant, il-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ma applikatx favur l-imputat appellant l-beneficcju skond dan is-subartikolu. Li huwa kellu bizzejjed provi biex juri li qatt ma agixxa in male fede u li ma kisirx dispozizzjonnijiet tal-Kapitolu 406 xjentement u li ghalhekk ma setghax jinzamm responsabbli ghad-denunzji mhux imdahhla.
Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatti fil-kawza oderna u dik li kienet mertu quddiem itTribunal ta' Revizjoni Amministrattiva[6] ma humiex identici. Fl-ewwel lok jirrizulta li r-rikorrenti f'dik il-kawza kienet hadet azzjoni fejn intavolat proceduri sabiex tigi dikjarata li ma ghandhiex responsabbilta' solidali mal-kumpanija ghat-taxxa dovuta mill-kumpanija. Mis-sentenza citata jirrizulta ukoll li f'dak il-kaz, kienu ghadhom ma ttiehdux proceduri kriminali da parti tad-Dipartiment tal-VAT versu r-rikorrenti li kienet fi zmien partikolari okkupat il-kariga ta' segretarju ta' kumpannija.

Fil-kawza odjerna, ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant kien segretarju talkumpanija u li kien responsabbli ghall-intavolar tad-denunzji tat-taxxa dwar il-valur mizjud. Din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u hija marbuta biex tiddeciedi skont laggravji mressqa mill-appellant fl-ambitu tal-imputazzjoni u ghalhekk is-sentenza odjerna hija limitata ghal fatt li ma gewx intavolati d-denunzji u l-hlas dovut ghal perjodi partikolari u ghalhekk ma tista bl-ebda mod tiddeciedi jekk u b'liema mod japplika l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda t-taxxa dovuta. Filfatt irrispettivament ta' jekk hemmx taxxa dovuta jew le, segretarju ta' kumpanija ghandu l-obbligu li jipprezenta d-denunzji fil-hin. Filfatt segretarju ta' kumpanija ghandu r-rapprezentanza u ghalhekk huwa responsabbli sabiex jintavoli d-denunzji fiz-zmien stipulat. L-artikolu 66(1) talKapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Kull segretarju, manager, direttur, stralċjarju jewuffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet ueżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persunamejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta'xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkunrappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta'persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor,skont ilkaż.*'

L-artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kullobbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssirjew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta'din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa*

[6] Fl-ismijiet 'XXX Vs Commissioner of Value Added Tax' fis-6 ta' Frar, 2014 (Rikors numru: 238/2012)

*tkunsaret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjalprinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, managerjew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwama kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiexiżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.*

L-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 u cioe' l-Att dwar l-Interpretazzjoni jaqra' li:

'*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xiAtt, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korpjew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kullpersuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager,**__segretarju__** jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienettidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemmil-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha uli tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi li tixbah id-dispożizzjoni ta dan ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhomjapplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' danl-Att.*'
(Emfazi u sottolinear mizjud)

Illi kif ikkunsidrat, id-denunzji jirrigwardaw dawk li saru dovuti ghal perjodi li ntemmu fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Mid-dokumentazzjoni pprezentata jirrizulta li l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpanija b'effett mill-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u ghalhekk xhur wara li kellha tigi intavolata l-ahhar denunzja mertu ta' dawn il-proceduri. Din ilQorti tifhem li l-appellant kellu diffikultajiet biex jikkomunika mal-klijent u li ddenunzji ma gewx ipprezentati rizultat tan-nuqqaas ta' koperazzjoni da parti talklijent, pero' din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kellu jiehu azzjoni ferm qabel u jirrizenja u mhux ihalli t-termini ghal prezentata ta' denunzji jiskadu b'rizultat li espona ruhu ghal dawn il-proceduri.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija (Spt. A.P. Miruzzi) Vs Jean Carl Farrugia__**'[7] gie kkunsidrat:

'*Illi ma saret ebda prova sodisfacenti - li trid tigi mill- appellant - li hu ma kienx jaf bl-eghmil delittwuz **u** li hu ezercita d-diligenza kollha mehtiega biex jevita l-eghmil tar-reat fiz-zmien li kien ghadu segretarju. Li jghid l- appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l- informazzjoni necessarja sabiex ikun f' pozizzjoni li jara l-d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.*

*Pero' kif intqal fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Michael Stivala"** fuq citat:-*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 29/2009)

*"Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bliskop li jigu evitati l- obbligi imposti mill-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f' kull zmien u f' kull kaz."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt.A.P.Miruzzi) vs Robertino Tufigno'**[8] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti. L- appellant kien gie mahtur company secretary tas-socjeta' fuq imsemmija fis-sena 2006. Id-diretturi tas-socjeta' huma Stefanos Peristerakis u Giorgios Spiliotopoulos, zewg Griegi li ma jghixux Malta. Hu kien jibghat il-VAT returns tas-socjeta' lil dawn iz-zewg diretturi biex jimlewhom huma. Meta kienu jintbaghtu lura lilu kien jispedihom lid-Dipartiment tal-VAT entro t-terminu legali. Gie zmien meta id-diretturi ma baghtux lura dawn ir- returns mimlija lill-appellant nonostante li hu kien iheggighom kontinwament biex jaghmlu dan. Hu kien irrizenja millkariga tieghu fit-8 ta' Mejju, 2009, wara li gie notifikat bic-citazzjoni odjerna w ipprezenta ilForm K mal- Malta Financial Services Authority bil-hsieb li din tkun retroattiva sa mit-2 ta' Novembru, 2007. B' dana kollu id- Dipartiment fittex lilu.*

*Fattispecji simili ghal dan il-kaz gja gew trattati w decizi minn din il-Qorti li kellha okkazjoni tirrimarka w tosserva li min jassumi karigi simili bhal company secretary jew ta' ufficjal ta' kumpanija li jirrenduh responsabbli ghall-obbligi tas-socjeta' versu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, irid joqghod ferm attent li jkun f' pozizzjoni li jwettaq dawn l-obbligi fiskali strettament u rigorozament. Jekk ma jkunx hekk munit bil-mezzi biex jadempixxi dawn l-obbligi, s-soluzzjoni trid tkun ir-rizenja tempestiva mill- kariga tieghu akkost li b' hekk jitlef xi onerarju jew kumpens iehor finanzjarju marbut ma tali kariga. (Ara f'dan is-sens App. Krim. **Il-Pulizija vs. J.C Farrugia** [02.04.09]).*

*Certament - u dan mhux kontestat mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu - li bhala company secrerary huwa jaqa' fil-kategorija ta' ufficjali tal-kumpanija inkluzi fl-artikolu 82(1) tal-Kap.406 u ghalhekk stricto jure hu jrid ukoll jirrispondi ghan-nuqqas tas-socjeta'. Fil-kamp fiskali irid bilfors ikun hemm certa rigidezza fl-applikazzjoni tal- ligijiet.*

*Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li r-rizenja tal-appellant mill-kariga ta' Company Secretary b' effett retroattiv m' ghandha l-ebda effett fuq ir-responsabbilta' kriminali tal- appellant taht il-Kap.406, anki jekk din giet hekk accettata mill-MFSA.*

*Tajjeb ukoll osservat l-Ewwel Qorti li l-appellant ma jistax jixhed li ghamel minn kollox billi jissollecita liz-zewg diretturi Griegi li jibghatulu r-returns lura debitament mimlija w ffirmati w fl-istess nifs jghid li ddikjara mal-MFSA li minn Novembru, 2007 ma kien ghamel xejn u ma ha ebda passi fil-kwalita' ta' company secretary. Din hija contradictio in terminis.*

[8] Appell Kriminali fl 14 ta' Lulju, 2009 (Appell Kriminali Numru: 185/2009)

*Jidher car li l-appellant "wanted to have his cake and eat it" billi zamm il-kariga ta' segretarju tul il-periodu tal- inadempjenza tas-socjeta' w issa, li qed jigi mitlub jirrendi kont ghal dak il-periodu, qed ifittex ir-refugju wara rizenja retrospettiva.*

*Lanqas ma kien gust l-appellant mal-Ewwel Qorti meta qal li s-sentenza appellata kienet tikkostringieh li jibghat returns foloz jew nil returns. Dan assolutament mhux minnu. Issentenza appellata sabitu hati ta' nuqqasjiet li ghalihom bil-ligi hu ritenut responsabbli dment li ghazel li jzomm il-kariga li kellu, nonostante li kien qed iberraq li jista' jigi fl-inkwiet meta ghal darba, tnejn, tlieta, kull tlitt xhur, kien qed jara li d-diretturi l-ohra kienu qed ipogguh f' pozizzjoni li ma jistax jottempera ruhu mal-ligi, u xorta baqa' jzomm il-kariga tieghu. Is-soluzzjoni kienet mhux li jipprezenta dikjarazzjonijiet jew returns fittizji jew foloz imma li jirrizenja minnufieh.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Audrey McCornick'**[9] gie kkunsidrat li:

'*Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti tghid li kien impossibbli ghaliha li timla l-formula rikjesta, kemm ghax ma kellha l-ebda awtorita` u wisq anqas informazzjoni biex timliha. Ma kellhiex raguni temmen li jekk taghmel "NIL" return dan kien se jkun tajjeb. F'dar-rigward bizzejjed wiehed jirreferi ghal sentenzi ricenti ta' din il- Qorti diversament presjeduta li ttrattaw sitwazzjonijet simili. Hekk fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Jean Carl Farrugia*** *moghtija fit-2 ta' April 2009 intqal hekk :*

***"Li jghid l-appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f'pozizzjoni li jara li d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.***

***"Pero` kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Michael Stivala fuq citat***

***[22.4.2008] :***

***"'Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mil-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f'kull zmien u f'kull kaz.' "***

*U f'****Il-Pulizija v. Robertino Tufigno*** *deciz fl-14 ta' Lulju 2009, intqal :*

***"Lanqas ma kien gust l-appellant mal-Ewwel Qorti meta qal li s-sentenza appellata kienet tikkostringieh li jibghat returns foloz jew nil returns. Dan assolutament mhux minnu. Is-sentenza appellata sabitu hati ta' nuqqasijiet li ghalihom bil-ligi hu ritenut responsabbli dment li ghazel li jzomm il-kariga li kellu ...."***

*Ghalhekk anke r-raba' aggravju mhuwiex sostenibbli.*'

Din il-Qorti tqis ghalhekk li gialadarba l-appellant mhuwiex jikkontesta li fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni huwa kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpannija Mediterranean Productions Limited, huwa kien responsabbli sabiex jintavola ddenunzji fil-hin flimkien mal-hlas dovut. L-appellant kellu jagixxi fil-hin u cioe' li jirrizenja mill-kariga tieghu mill-aktar fis meta ra in-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tad-dirigenti tal-kumpanija minkejja li jghid li huwa kellu flejjes x'jigbor minghand il-kumpanija. Ghalkemm jirrizulta li l-appellant irrizenja qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni u ghalhekk ha azzjoni qabel ma ttiehdu dawn il-

[9] Appell Kriminali fis 16 ta' Settembru, 2009 (Appell Numru 369/2008)

proceduri filkonfront tieghu, din il-Qorti kienet tistennna li r-rizenja ssir minnufih hekk kif huwa ma setghax jonera l-obbligi skont il-ligi. In oltre' kien jispetta lil appellant li wara li baghat l-ittra tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) lidDipartiment tal-VAT, li jaccerta ruhu li din tkun waslet. Din il-Qorti ma ssibx li lewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ma applikatx l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 66(5) japplika f'dak li jirrigwarda ttaxxa dovuta u mhijiex sta ghal din il-Qorti biex tiddeciedi liema parti mill-artikolu 66(5) japplika jew jekk dan japplikax ghas-sitwazzjoni tal-appellant. Irrispettivament ta' jekk hemmx taxxa dovuta jew le, segretarju ta' kumpanija ghandu l-obbligu li jipprezenta d-denunzji fil-hin. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tielet aggravju l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta wara li sabitu hati tar-reati dedotti fil-konfront tieghu ordnatlu sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien impost mill-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 ta' tlett (3) xhur u fin-nuqqas li jaghmel dan ikun passabbli ghal multa gornaljera ta' hames Ewro (€5) ghal kull gurnata wara dan iz-zmien moghti mill-Qorti.

L-appellant issottometta li irrizenja mill-kariga tieghu fl-erbatax (14) ta' Gunju tassena elfejn u sittax (2016) mhux fis-sena elfejn u hmistax (2015) kif indika l-appellant f'dan it-tielet aggravju. Ghalhekk skont l-appellant huwa mhuwiex f'pozizzjoni aktar li jikkonferma ruhu mal-ligi u lanqas ma ghandu dan l-obbligu stante li huwa svestit minn kull poter rapprezentattiv tas-socjeta' in kwistjoni.

L-Ewwel Qorti kkundannat lil appellant ghal multa ta' disa' mitt ewro (€900) u taghtu tlett (3) xhur sabiex jirregola ruhu u li fin-nuqqas ikun hemm multa ta' hames ewro (€5) ta' kuljum li dan in-nuqqas ikompli. Din il-Qorti taqbel mal-appellant fissens li la darba huwa ma ghadux jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpanija, huwa ma ghadux f'pozizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu l-Qorti u cioe' li jirregola ruhu. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija</u> <u>(Spt. A.P.Miruzzi) Vs Jean Carl Farrugia</u>**'[10] fejn il-Qorti kkunsidrat li:
'*Pero', kif ikkonceda lejalment l-istess Avukat prosekutur, l-appellant, wara r-rizenja tieghu minn segretarju tal- kumpanija, f'Jannar 2005, ma baqax aktar fil-posizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu jaghmel l-Ewwel Qorti w cioe' li fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mal-Ligi taht penali ta' hmistax (15)-il Euro kuljum li matulu jkompli n-nuqqas.*'

[10] Appell Kriminali fit 2 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 29/2009)

Dan it-tielet aggravju qieghed ghalhekk jigi milqugh.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-raba' aggravju, l-appellant issottometta li l-piena imposta fuqu hija wisq harxa tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li huwa professjonist u li ma hu xejn aktar minn vitma tac-cirkostanzi u li l-Kummissarju bil-kundanna u l-multa imposta fuqu, xorta ma' spiccax gabar it-taxxa dovuta, jekk hemm taxxa dovuta, skond il-ligi u jekk l-ispirtu tal-ligi huwa wiehed li l-pieni ghandhom iservu ta' deterrent sabiex tingabar it-taxxa dovuta, certament mela f'dan il-kaz dak il-ghan ma ntlahhaqx u mhux ser jintlahaq bl-impozizzjoni inutli ta' multi horox. L-appellant minghajr pregudizzju, jissottometti li ghandu jkun passabbli ghal minimu possibli li tippermetti l-ligi li f'dan il-kaz huwa ta seba' mitt Ewro (€700).

Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li l-ligi qieghda hemm biex tigi segwita u li filmument li persuna tokkupa l-kariga ta' segretarju ta' kumpanija, hija obbligata li tottempera ruhha mal-ligi. Ghalhekk irrispettivament jekk ingabritx it-taxxa dovuta jew le mid-Dipartiment, segretarju ta' kumpanija li ma jkunx intavola d-denunzji flimkien mal-hlas dovut fiz-zmien stipulat ikun passabli ghal proceduri u soggett ghal multi.

Minn naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatti speci tal-kaz. Jirrizulta li ddenunzji flimkien mal-hlas dovut ghal perjodi li ntemmu fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma gewxipprezentati. L-appellant irrizenja mill-kariga ta' Segretarju tal-kumpanija Mediterranean Productions Limited fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016).

Din il-Qorti ma tistax ma tqis ukoll li r-rizenja tal-appellant bhala segretarju sehhet qabel ma nharget l-imputazzjoni odjerna. In oltre' jirrizulta ukoll li l-appellant ilu fil-professjoni ghal numru twal ta' snin u jirrizulta ukoll li lfedina penali hija wahda netta. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti sejra tnaqqas il-multa imposta u sejra minflokk tordna li tithallas multa ta' seba' mitt ewro (€700).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitament l-appell billi filwaqt li tikkonferma l-htija, thassar u tirrevoka fejn il-Qorti tat lill-appellant tlett (3) xhur biex jirregola ruhu u fejn ordnat li fin-nuqqas ikun hemm multa ta' hames ewro (€5) ta' kulljum li dan in-nuqqas ikompli u fejn il-Qorti ordnat il-hlas ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) u minflokk tikkundanna lil appellant ihallas multa ta' seba' mitt ewro (€700).

*Ikkunsidrat : -*

21. Illi din il-Qorti tqis li hemm xebħ konsiderevoli bejn dan il-każ u l-każ ***Debono*** aktar il-fuq ċitat, nonche diversi każijiet oħra hemmhekk imsemmija, inkluż ***Tufigno*** u ***Farrugia.*** Il-posizzjoni ta' dawn il-Qrati, kif espressa minn Imħalfin differenti turi element ta' linearita fil-ħsieb u fid-deċiżjonijiet fuq medda ta' snin. Dan il-każ bħala tali ma jipprestax xi eċċezzjoni minn dawk imsemmija aktar il-fuq. Anzi f'dan il-każ jirriżulta li r-riżenja tal-appellant minn Segretarju tal-kumpanija seħħet relattivament tard meta mqabbla ma dak imsemmi fil-każijiet preċedenti. Fattur diversiv huwa li f'dan il-każ tresqet il-prova mir-rappreżentant tad-Dipartiment tal-VAT li l-appellant, fil-frattemp, ressaq id-denunzji relattivi – għalkemm ma kienx f'qagħda jikkonferma meta għamel dan.

22. Din il-Qorti tirrimarka wkoll li l-Liġi tal-VAT torbot idejn lil Qorti mhux biss fir-rigward tar-responsabbilta tar-rappreżentant ai termini tal-artikolu 66 tagħha, iżda wkoll fir-rigward ta' x'piena tista' teroga fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Fl-artikolu 83(4), dik il-Liġi tippreskludi lill-Qorti milli tkun tista' tagħti sentenza taħt il-minimum fejn ikun hemm raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li jkunu jistgħu jiġu mniżla fis-sentenza ai termini tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u l-anqas ma jista' jiġi applikat l-Att dwar il-Probation fir-rigward ta' min jinstab ħati. Il-Qorti hija marbuta li tapplika

waħda mill-piena stabbiliti minn dik il-Liġi nnifisha, bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti, għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell in parte billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tħassarha f'dik il-parti fejn imponiet il-piena ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800) u fejn il-Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 tal-istess Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputat sabiex fi żmien tlett xhur jikkonforma ruħu mal-Liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' ħames Euro (€5) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien u stante li mill-provi jirriżulta li huwa ottempera ruħu qabel id-data tas-sentenza, tikkundannah għal multa ta' seba' mitt euro (€700).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***